MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum il-21 ta' Mejju, 2019

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 527/2019/1 LM

**Faces Consultants Ltd (C 24388)**

***vs.***

**Awtorità għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tas-soċjetà rikorrenti **Faces Consultants Ltd** (C 24388), (minn issa 'il quddiem "is-soċjetà rikorrenti"), li ġie ppreżentat fit-23 ta' April, 2019, u li jgħid:

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm lill-intimata milli tkompli tesegwixxi xogħlijiet fuq il-bus stop magħrufa bħala 'bus stop Bombi 3', sitwata fi Triq Nazzjonali, Floriana, u dan għar-raġunijiet segwenti:*

*Illi s-soċjetà rikorrenti Faces Consultants Limited hija kumpannija li tibni, tmantni u tbiddel bus shelters skont il-ħtieġa tal-Kunsilli Lokali tramite l-kumpannija operattiva tagħha Faces Displays Limited;*

*Illi fit-12 ta' Frar, 2019 il-Kunsill Lokali Furjana ta appalt lis-soċjetà rikorrenti Faces Consultants Limited sabiex fost bus shelters oħra tinstalla bus shelters ġodda fl-lokalità tal-Furjana inkluż il-bus shelter fi Triq Nazzjonali, Furjana komunement magħruf bħala Bombi 3 (Dok. A);*

*Illi l-bieraħ 22 ta' April, l-Awtorità intimata, minkejja li kienet mgħarrfa bl-appalt tal-Kunsill Lokali Furjana lill-kumpannija rikorrenti sabiex tinstalla Bus Shelter ġdida, qabdet u mingħajr ebda pre-avviż lil ħadd, kif ukoll mingħajr id-debita awtorità, bdiet xogħlijiet sabiex tinstalla bus shelter ġdida flok dik magħrufa bħala Bombi 3, kif jidher mir-ritratti hawn esebiti u mmarkati Dok. B;*

*Illi t-tkomplija ta' dawn ix-xogħlijiet ser ikunu ta' detriment għas-soċjetà rikorrenti u mingħajr dan il-mandat kawtelatorju, ir-rimedju ta' kull azzjoni oħra jkun ineffettiv għaliex ix-xogħol jitlesta fi ftit jiem oħra;*

*Illi Kevin Vassallo jaf b'dawn il-fatti personalment u qed jagħmel din id-dikjarazzjoni;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi u in kawtela tal-istess drittijiet tagħha, is-soċjetà esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tinibixxi lill-Awtorità intimata milli tkompli x-xogħlijiet fuq il-Bus Shelter magħrufa bħala Bombi 3, fi Triq Nazzjonali, Furjana;*

*Bl-ispejjeż kontra l-awtorità intimata b'riserva għal kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjetà esponenti.*

Rat illi l-intimata **Awtorità għat-Trasport f'Malta** (minn issa 'l quddiem "l-Awtorità intimata") ġiet debitament notifikata bir-Rikors fit-23 ta' April, 2019.

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' April, 2019 fejn laqgħet it-talba provviżorjament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat ir-Risposta tal-intimata **Awtorità għat-Trasport f'Malta**, ippreżentata fil-25 ta' April, 2019, li tgħid kif ġej:

1. *Illi permezz tar-rikors minnha ppreżentat is-soċjetà rikorrenti trid lil din l-Onorabbli Qorti twaqqaf lill-Awtorità intimata "milli tkompli tesegwixxi xogħlijiet fuq il-bus stop magħrufa bħala Bus Stop Bombi 3 sitwata fi Triq Nazzjonali, Furjana";*

2. *L-Awtorità intimata tiddikjara li hija ma taqbilx li għandu jinħareġ il-mandat ta' inibizzjoni u dan għaliex l-elementi meħtieġa biex jinħareġ tali mandat skont l-artikolu 873 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jirriżultawx;*

3. *Qabel ma tgħaddi però biex tfisser għaliex il-mandat ma jixraqx li jinħareġ, huwa siewi li l-ewwel issemmi fil-qosor il-fatti li jolqtu din it-tilwima.*

***Fatti***

4. *Illi a tenur tar-Regolament 4 tal-L.S. 363.79, il-Kunsilli Lokali u l-Awtorità rispondenti għandhom biex jissostitwixxu bus shelters f'toroq arterjali u distributorji kif ikun meħtieġ u meta jkun hemm bżonn;*

5. *Illi permezz ta' Ftehim datat 16 ta' Marzu, 2018 iffirmat mill-Awtorità rispondenti u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (kopja hawn annessa bħala 'Dok. A') ġie pattwit illi l-Awtorità rispondenti għandha tkompli tesegwixxi l-funzjoni preżenti tagħha li tirrimpjazza bus shelters eżistenti u tistalla bus shelters ġodda f'toroq distributorji u arterjali (klawsola 1) u dan permezz ta' dak il-kuntrattur li jiġi magħżul in segwitu għal proċess ta' tender (RFP) maħruġ mill-Awtorità rispondenti – Request for Proposals for the Design, Supply, Installation and Maintenance of Bus Shelters in Malta and Gozo and Maintenance of Existing Canopies' (RFP009/2016), liema tender ġie mirbuħ mis-soċjetà kummerċjali 365 Limited;*

6. *Illi m'hemmx dubju illi Triq Nazzjonali fil-Furjana, fejn hemm Porte des Bombes, hija triq arterjali/distributorja u għalhekk l-istallazzjoni ta' bus shelters f'din it-triq (kemm jekk ġodda u kemm jekk in rimpjazzament ta' dawk eżistenti) taqa' unikament f'idejn l-Awtorità rispondenti u mhux il-Kunsill Lokali;*

7. *Illi minkejja dan riċentement l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, permezz ta' email datata 27 ta' Frar, 2019 bagħtet lill-Awtorità rispondenti "lista tal-Bus Shelters li l-Kunsilli kkommettew ruħhom mal-Assoċjazzjoni għaldaqstant il-kuntrattur ta' Transport Malta m'għandux jidħol fihom" (kopja hawn annessa bħala 'Dok. B');*

8. *Illi fost din il-lista ta' bus shelters kien hemm numru mill-aktar sostanzjali li jinsabu f'toroq arterjali u/jew distributorji, inkluż Triq Nazzjonali, u l-Awtorità rispondenti ġibdet l-attenzjoni tal-Assoċjazzjoni għal dan il-fatt permezz ta' ittra datata 20 ta' Marzu, 2019 (kopja annessa bħala 'Dok. Ċ') għal liema ittra ma ntbagħtet ebda risposta;*

9. *Illi l-Awtorità rispondenti bħala parti minn eżerċizzju normali u naturali tal-funzjonijiet tagħha qiegħda tibdel numru ta' bus shelters fosthom dak magħruf bħala 'Bombi 3' kif mhux biss għandha d-dritt iżda d-dmir illi tagħmel;*

10. *Illi tajjeb li jiġi rimarkat illi l-bus shelter in kwistjoni jinsab f'waħda mill-iżjed toroq li fiha jittranżita traffiku f'pajjiżna, triq li skont il-Pjan ta' Struttura hija triq arterjali u hija bus shelter li tintuża minn persuni li jgħixu madwar Malta u Għawdex kollu mhux biss minn resident Furjaniżi;*

11. *Illi s-soċjetà rikorrenti, li evidentement iffirmat kuntratt mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – liema kuntratt l-Awtorità rispondenti mhux biss mhijiex parti minnu iżda saret taf bih fil-kors ta' laqgħa li saret riċentement ma' rappreżentant tal-Assoċjazzjoni u li lanqas biss għadha ngħatat kopja tiegħu – ipproċediet bil-preżentata tar-rikors għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni sabiex twaqqaf ix-xogħol li kien qed isir fuq dan il-bus shelter mill-fuq imsemmija 365 Limited u mhux mill-Awtorità rispondenti (għalkemm naturalment tali xogħol kien qed isir bl-għarfien u l-kunsens tal-Awtorità rispondenti).*

***Eċċezzjonijiet Preliminari***

12. *Preliminarjament, fl-ewwel lok, qed jiġi eċċepit in-nuqqas ta' interess ġuridiku tas-soċjetà rikorrenti li tippreżenta dawn il-proċeduri għaliex semmai l-interess*

*ġuridiku huwa vestit jew fil-Kunsill Lokali jew fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali iżda ċertament mhux fis-soċjetà rikorrenti.*

13. *Preliminarjament, ukoll u fit-tieni lok, l-Awtorità rispondenti mhijiex il-leġittima kontradittriċi għaliex ix-xogħlijiet li s-soċjetà rikorrenti qed tintenta twaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom qed isiru mis-soċjetà fuq imsemmija 365 Limited u mhux mill-Awtorità rispondenti.*

***Konsiderazzjonijiet Legali***

14. *Illi, sussidjarjament, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, u fl-isfond tal-fatti fuq imsemmija, l-Awtorità rispondenti sejra tissokta biex tispjega r-raġunijiet li għalihom fl-umli fehma tagħha t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni mixtieqa mis-soċjetà rikorrenti m'għandhiex tintlaqa';*

15. *Illi huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-mandat ta' inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali, allura dan għandu jirċievi interpretazzjoni kemm jista' jkun dejqa u restrittiva (ara d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet,* ***Pancontinental Oil & Gas NL et vs. il-Prim Ministru*** *deċiż fil-15 ta' Diċembru, 2011);*

16. *It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem dak il-jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat (ara* ***Alexander d'Agata et vs Emmanuel Mallia et*** *tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta' Diċembru 2009);*

17. *Issa skont il-liġi, il-Qorti għandha tawtorizza l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni meta:*

    i. *Ir-rikorrent ikollu mid-daqqa t'għajn il-jedd oġġettiv u mhux suġġettiv li jwaqqaf jew iżomm lill-intimat milli jagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew li biha tista' ġġiblu preġudizzju. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib (ara* ***Dr Louis Cassar Pullicino noe vs Joseph Caruana Curran noe et,*** *Qorti tal-Kummerċ tas-26 ta' Mejju, 1995);*

    ii. *Il-mandat ikun meħtieġ biex jiġi mħares dak il-jedd. F'dan is-sens, jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni*

*wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat (ara fost oħrajn id-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Odette Tonna et vs Awtorità tal-Artijiet*** *mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Lulju 2018); u*

iii. *Meta t-talba għall-ħruġ tal-mandat tkun qiegħda ssir kontra l-Gvern ta' Malta jew kontra xi persuna b'kariga pubblika, fil-kariga uffiċjali tagħha, b'żieda maż-żewġ elementi msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan, ir-rikorrenti biex jirnexxi fit-talba tiegħu għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni jrid juri wkoll skont l-artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta: (i) li l-ħaġa li huwa qed jtlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq; u (ii) li l-preġudizzju li jinħoloq fuqu jkun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma (ara d-digriet tal-15 ta' Diċembru, 2008 fl-ismijiet* ***Supretendent Anzjan Raymond G. Zammit vs il-Ministru tal-Intern u Ġustizzja et)****;*

18. *Fil-każ tal-lum ma hemmx kwistjoni li l-Awtorità għat-Trasport Pubbliku għandha kariga pubblika u li għaldaqstant għaliha jgħodd l-artikolu 873(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

19. *Dawn l-elementi tal-artikolu 873 fuq imsemmija, huma kumulattivi u mhux alternattivi, b'dana li anke jekk wieħed minnhom ma jirriżultax pruvat, il-mandat ta' inibizzjoni ma jistax jiġi milqugħ (ara* ***V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti*** *maqtugħ mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar, 2001);*

***Nuqqas ta' Jedd mad-Daqqa t'Għajn***

20. *Illi mir-rikors imressaq mis-soċjetà rikorrenti jidher ċar mad-daqqa t'għajn li hija m'għandhiex il-jedd li twaqqaf ix-xogħlijiet fuq dan il-bus shelter stante li indubbjament tali bus shelter jinsab fi triq arterjali u/jew distributorja u għalhekk, għar-raġunijiet fuq spjegati, il-kompetenza hija unikament tal-Awtorità rispondenti u mhux tal-Kunsill Lokali tal-Furjana;*

21. *Illi għandu jiġi sottolineat illi l-liġi trid li l-mandat ta' inibizzjoni jkun imsaħħaħ b'azzjoni ġudizzjarja sussegwenti, li l-iskop tagħha ma jkunx ir-rikonferma ta' digriet diġà mogħti iżda trid tkun imseddqa mad-dritt pretiż mir-rikorrent (ara* ***David Gatt vs Onor. Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi et*** *deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Ottubru, 2016);*

22. *Fil-każ in kwistjoni, is-soċjetà rikorrenti jidher ċar li m'għandha l-ebda azzjoni ġudizzjarja disponibbli għaliha li tista' tmexxi wara l-mandat ta' inibizzjoni kieku dan, għall-grazzja tal-argument, kellu jiġi milqugħ;*

23. *Għaldaqstant tħares minn fejn tħares huwa bil-bosta ċar li s-soċjetà rikorrenti ma tistax titlob il-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni għaliex hija m'għandha ebda jedd prima facie x'jiġi mħares;*

***Ma Hemmx Preġudizzju***

24. *Bla preġudizzju għas-suespost, anke jekk għall-ġieħ tal-argument biss, wieħed kellu jqis li s-soċjetà rikorrenti għandha xi jedd x'tikkonserva (li ċertament m'għandhiex) xorta waħda joħroġ ċar li l-mandat mhuwiex meħtieġ biex jitħares dan il-jedd;*

25. *Dan għaliex l-element tal-preġudizzju li jrid jintwera f'talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, jiġi nieqes kemm-il darba l-għemil li jrid jitwaqqaf jista' jiġi mħassar b'sentenza ġudizzjarja, wara li jkun ġie mistħarreġ il-mertu (ara inter alia* ***Avukat Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et noe****, Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta' Jannar, 1993 u* ***Airmode Limited vs Malta International Airport p.l.c. et****, Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Jannar, 2017);*

26. *Hekk ukoll jonqos l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-mandat, jekk l-għemil li trid twaqqaf is-soċjetà rikorrenti jista' jingħata rimedju dwaru, b'kumpens fi flus (ara* ***Silver King Limited vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** *deċiż mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Awwissu, 2013). Kif tajjeb intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet* ***Computime Limited vs Malta Information Technology Agency et*** *mogħti fl-14 ta' Diċembru, 2012, "Ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioe telf ta' qliegħ jew flus."*

27. *F'dan il-każ ċertament li jista' jingħata rimedju kieku għall-grazzja tal-argument is-soċjetà rikorrenti kellha raġun jew permezz ta' ħlas ta' danni jew billi jinqala' l-bus shelter li qed jiġi stallat mis-soċjetà 365 Limited u jiġi rimpjazzat b'wieħed tas-soċjetà rikorrenti;*

28. *Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu, lanqas it-tieni element dwar il-ħtieġa tal-mandat ta' inibizzjoni ma jirriżulta li huwa sodisfatt;*

29. *Illi oltre dan ċertament li fil-każ odjern ma jista' qatt jirriżulta sodisfatt l-element previst fl-artikolu 873(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet fuq imsemmija l-Awtorità rispondenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' April, 2019 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob li permezz tal-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni żżomm lill-Awtorità intimata milli tkompli bix-xogħol li qiegħed isir minnha[1] fuq il-*bus shelter* indikat bħala 'Bombi 3', Triq Nazzjonali, il-Furjana. Is-soċjetà

[1] Matul is-smigħ ta' dan il-proċediment irriżulta li x-xogħol inkwistjoni qiegħed isir minn kuntrattur imqabbad mill-Awtorità intimata, liema kuntrattur intgħażel wara *request for proposals* maħruġ mill-istess Awtorità.

rikorrenti tibni, iżżomm f’kondizzjoni tajba u tbiddel *bus shelters* skont il-ħtieġa tal-Kunsilli Lokali permezz tal-kumpannija operattiva tagħha Faces Displays Limited. Fit-12 ta’ Frar, 2019 is-soċjetà rikorrenti ngħatat appalt mill-Kunsill Lokali tal-Furjana sabiex tinstalla numru ta’ *bus shelters* ġodda f’din il-lokalità, fosthom dik indikata bħala ‘Bombi 3’. Fit-22 ta’ April, 2019 is-soċjetà rikorrenti saret taf li l-Awtorità intimata, ossija il-kuntrattur imqabbad minnha, kien beda xogħol fuq is-sit tal-*bus shelter* Bombi 3 li s-soċjetà rikorrent kienet ġiet inkarigata tbiddel mill-Kunsill Lokali tal-Furjana. Is-soċjetà rikorrenti ssostni li dan qiegħed isir b’detriment għaliha.

L-Awtorità intimata min-naħa tagħha wieġbet li f’dan il-każ ma jeżistux r-rekwiżiti maħsuba fil-liġi għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni. L-Awtorità intimata eċċepiet li minkejja li r-responsabbiltà għall-bini u tibdil ta’ *bus shelters* ġodda u ż-żamma f’kondizzjoni tajba ta’ *bus shelters* eżistenti kienet ġiet delegata lill-Kunsilli Lokali, madanakollu a tenur ta’ Regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.79, tali delega ma neħħietx ir-responsabbiltà konkorrenti tal-Gvern ċentrali li jkun jista’ jissostitwixxi *bus shelters* skont il-ħtieġa u meta jkun hemm bżonn. F’dan il-kuntest l-Awtorità intimata rreferiet għall-ftehim iffirmat bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Awtorità intimata fis-16 ta’ Marzu, 2018, li permezz tiegħu ġie miftiehem, bl-intiża li jiġu eliminati d-dubji darba għal dejjem, li l-Awtorità intimata għandha tkompli twettaq ir-responsabbiltà preżenti tagħha li tbiddel *bus shelters* eżistenti u tinstalla *bus shelters* ġodda f’toroq arterjali u distributorji, permezz ta’ kuntrattur li jintgħażel wara sejħa għall-offerti għal dan l-iskop. L-Awtorità intimata qiegħda ssostni li ladarba Triq Nazzjonali, il-Furjana hija triq arterjali, l-installazzjoni ta’

*bus shelters* f'dik it-triq hi unikament responsabbilità tagħha u mhux tal-Kunsill Lokali. L-Awtorità intimata għamlet riferiment għal *email* mibgħuta lilha mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fis-27 ta' Frar, 2019 b'lista ta' *bus shelters* li l-Assoċjazzjoni li tirrappreżenta lill-Kunsilli Lokali tippretendi li l-Awtorità intimata m'għandhiex tidħol fihom, anki fejn dawn jinsabu f'toroq arterjali jew distributorji. L-Awtorità intimata kienet irrispondiet għal din l-*email* u oġġezzjonat għaliha, imma l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ma weġbitix lura.

**Provi u riżultanzi**

Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat kopja tal-ittra tat-12 ta' Frar, 2019 li hija rċeviet mill-Kunsill Lokali tal-Furjana[2], b'lista ta' *bus shelters* li t-tibdil tagħhom kien meħtieġ b'mod urġenti, fosthom il-*bus shelter* bir-referenza 'Bombi 3'.[3] L-Awtorità intimata min-naħa tagħha ppreżentat kopja ta' ftehim bid-data tas-16 ta' Marzu, 2018, iffirmat mill-Awtorità intimata u mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali[4], fejn ġie stipulat li l-Awtorità intimata għandha tkompli teżegwixxi l-funzjoni preżenti tagħha li tbiddel *bus shelters* eżistenti u tinstalla *bus shelters* ġodda f'toroq arterjali u distributorji, permezz tas-servizzi ta' kuntrattur li jintgħażel wara proċess ta' sejħa għall-offerti. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat wkoll lista ta' *bus shelters* kommessi mill-Kunsilli Lokali individwalment mal-

---

[2] *A fol.* 4 tal-proċess.

[3] F'din l-ittra jingħad li *"The Local Council is hereby instructing Faces Consultants Ltd to install its bus shelter structures on the selected locations as indicated in List A according to the agreement dated 2nd March 2001 between the Association of Local Councils and Faces Consultants Ltd subject to the following terms and conditions:*

- *...*
- *Faces Consultants Ltd may proceed with the preparation and installation works of these structures upon receiving PA approvals without further instructions from the Local Council."*

[4] *A fol.* 16 tal-proċess.

Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, liema lista hija koperta bl-Avviż Legali 363.79, u li għalhekk l-Assoċjazzjoni ssostni li l-Awtorità intimata m'għandhiex tidħol fihom, fosthom il-*bus shelters* fi Triq Nazzjonali, il-Furjana.[5] L-Awtorità intimata esebiet ukoll kopja ta' ittra datata 20 ta' Marzu, 2019 mibgħuta mill-avukat difensur tal-Awtorità intimata lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali[6], fejn sar riferiment għall-obbligi kontrattwali pattwiti bejn il-partijiet bis-saħħa tal-ftehim tas-16 ta' Marzu, 2018, partikolarment fir-rigward ta' dawk il-*bus shelters* li jinsabu f'toroq arterjali jew distributorji.

Fl-udjenza tal-25 ta' April, 2019, il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' **Kevin Vassallo**[7], in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti, li qal li bis-saħħa tal-Avviż Legali 363/79 kienu ġew devoluti numru ta' *bus shelters* lill-Kunsilli Lokali, li ngħataw il-funzjoni li jinstallaw, iżommu f'kundizzjoni tajba, jew ibiddlu tali *bus shelters* fil-lokalitajiet tagħhom. Ix-xhud qal li l-Kunsill Lokali tal-Furjana huwa wieħed mill-Kunsilli Lokali li daħal fi ftehim mas-soċjetà rikorrenti biex din tieħu ħsieb il-*bus shelters* tal-lokalità. Ix-xhud qal li fit-12 ta' Frar, 2019, il-Kunsill Lokali tal-Furjana talab lis-soċjetà rikorrenti tinstalla seba' *bus shelters* fil-lokalità, fosthom dak magħruf bħala 'Bombi 3A'. Ix-xhud żied jgħid li sussegwentement is-soċjetà rikorrenti kienet saret taf li kien qiegħed isir xi xogħol fuq is-sit tal-istess *bus shelter,* u fl-isfond ta' dan kollu x-xhud kien jaf li nqala' diżgwid bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Awtorità intimata dwar il-responsabbiltà li għandha teżerċita l-istess Awtorità intimata fir-rigward ta' *bus shelters* f'toroq arterjali u distributorji, għalkemm żied jgħid li dan il-*bus shelter* partikolari ma

[5] *A fol.* 33 *et seq.* tal-proċess.
[6] *A fol.* 20 tal-proċess.
[7] *A fol.* 25 tal-proċess.

kienx wieħed minn dawk li kien hemm kontenzjoni fuqhom. Ix-xhud qal li min-naħa tas-soċjetà rikorrenti kienu saru l-verifiki mal-kuntrattur li qiegħed jagħmel dan ix-xogħol li kkonferma li x-xogħol inkwistjoni qiegħed isir għall-Awtorità intimata.

Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li l-*framework agreement* bejn is-soċjetà rikorrenti u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ġie ffirmat fit-2 ta' Marzu, 2001, u sussegwentement kull Kunsill Lokali daħal fi ftehim mas-soċjetà rikorrenti b'mod individwali. Żied jgħid li l-ftehim oriġinali kien biss *framework agreement* minħabba li ma kienx jorbot lill-Kunsilli Lokali individwalment, u kien għalhekk li sussegwentement intlaħqu numru ta' *agreements* mal-Kunsilli Lokali fuq bażi individwali. Ix-xhud sarlu riferiment għall-ftehim li ġie ffirmat bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Awtorità intimata fis-16 ta' Marzu, 2018, fejn ġie miftiehem li r-responsabbiltà għal *bus shelters* f'toroq arterjali u distributorji tgħaddi għand l-Awtorità intimata. Ix-xhud ikkonferma li 'Bombi 3' hu *bus shelter* eżistenti, u li Triq Nazzjonali hija triq arterjali. Ix-xhud qal li hu ma jafx li l-Awtorità intimata bagħtet ittra lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex tipprotesta dwar il-fatt li hemm numru ta' *bus shelters* f'toroq arterjali u distributorji li jidher li sar ftehim dwarhom mas-soċjetà rikorrenti min-naħa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jew min-naħa tal-Kunsilli Lokali b'mod individwali. Ix-xhud qal li s-soċjetà rikorrenti ħadmet fuq ħafna *bus shelters* f'toroq arterjali, u ppreżenta lista ta' toroq li fihom is-soċjetà rikorrenti ntalbet tagħmel xoghol fuq il-*bus shelters* indikati

lilha mill-Kunsilli Lokali individwalment.[8] Ix-xhud esebixxa wkoll kopja ta’ *email* mibgħuta mill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Mario Fava lil numru ta’ Kunsilli Lokali kif ukoll lil Ivan Vella mill-Awtorità intimata, fejn qalilhom li Transport Malta m’għandhiex responsabbiltà esklussiva fuq it-toroq arterjali, u li kien qiegħed jintalab li ssir laqgħa dwar dan il-punt.[9]

Fl-istess udjenza nstemgħet ix-xhieda wkoll ta’ **Ivan Pierre Vella**[10], *senior manager* fit-Taqsima tat-Trasport Pubbliku tal-Awtorità intimata, li qal li lura fl-2001 kien sar kuntratt bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u Faces Displays Limited sabiex jitwaħħlu numru ta’ *bus shelters.* Żied jgħid li sussegwentement Transport Malta għamlet talba biex jitwaħħlu għadd ta’ *bus shelters* fit-toroq Maltin, iżda dawn ma kinux twaħħlu min-naħa tas-soċjetà rikorrenti, u għalhekk bdew jinqalgħu problemi bejn il-partijiet f’dan ir-rigward. Żied jgħid li maż-żmien ġie stabbilit li hemm il-ħtieġa ta’ aktar *bus shelters* fuq in-*network,* u f’dan il-kuntest l-Awtorità intimata ħarġet *request for proposals* fis-sena 2016, li ġiet aġġudikata fis-sena 2017, għalkemm saru appelli minn din id-deċiżjoni. Qal li l-kuntratt ġie aġġudikat favur 365 Limited, li min-naħa tagħha ntrabtet li twaħħal *bus shelters* fejn tiġi mitluba li tagħmel dan mill-Awtorità intimata. Ix-xhud qal li għar-rigward ta’ toroq arterjali u distributorji, l-Awtorità intimata qiegħda tqabbad lill-kumpannija li rebħet dan it-tender biex taħdem fuq il-*bus shelters* li jridu jiġu installati jew biex isir xogħol fuq *bus shelters* imwaħħlin diġà. Ix-xhud spjega li sabiex jiġi evitat aktar diżgwid, kien ġie ffirmat il-ftehim tas-16 ta’ Marzu, 2018 bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u

[8] *A fol.* 33 tal-proċess.
[9] *A fol.* 51 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 61 *et seq.* tal-proċess.

l-Awtorità intimata, fejn ġie ppuntwalizzat li l-Awtorità intimata ser tkun fdata bix-xogħol fuq il-*bus shelters* kollha li jinsabu f'toroq arterjali u distributorji. Ix-xhud ikkonferma li fil-każ inkwistjoni qiegħed isir xogħol ta' twessigħ u ta' tibdil ta' *bus shelter* eżistenti mill-kumpannija 365 Limited. Ix-xhud esebixxa kopja ta' permess approvat mill-Awtorità għall-Ippjanar fis-26 ta' Novembru, 2013, fir-rigward tat-twaħħil ta' numru ta' *lightweight canopies* fil-Furjana, fosthom wieħed fi Triq Nazzjonali[11], kif ukoll kopja tat-tiġdid tal-istess permess għall-iżvilupp, bid-data tal-11 ta' Marzu, 2019.[12]

Permezz ta' nota tas-26 ta' April, 2019, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat kopja tal-*addendum* għall-ftehim li kien sar bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u s-soċjetà rikorrenti fit-2 ta' Marzu, 2001, liema *addendum* ġie ffirmat fil-11 ta' Ġunju, 2018.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

[11] *A fol.* 69 tal-proċess.
[12] *A fol.* 75 tal-proċess.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora*;[13]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[14]:

---

[13] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfré** – Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.
[14] P.A., 13.05.2014.

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[15]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[16] sostniet is-segwenti:

---

[15] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati tagħna fosthom, *inter alia* fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina vs. Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.

[16] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

> “... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t’għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.”

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa’ talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta’ Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li “jidher”, fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t’għajn li għandu raġun, jiġifieri b’mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b’mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa’ fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta’ din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x’inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni

strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[17];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li

[17] P.A., 25.01.2005.

qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta’ Inibizzjoni jinbidel f’arma bħal din.”[18]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[19]

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta’ dawn il-proċeduri, is-soċjetà rikorrenti qiegħda tipprova żżomm lill-Awtorità intimata milli tkompli b’xogħol ta’ tibdil u estensjoni tal-*bus shelter* indikat bħala ‘Bombi 3’, fi Triq Nazzjonali, il-Furjana, u dan wara li l-istess soċjetà rikorrenti kienet ingħatat appalt mill-Kunsill Lokali tal-Furjana sabiex tkun hi li tagħmel xogħol ta’ tibdil tal-istess *bus shelter.*

Illi bis-saħħa tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.79, ġiet delegata lill-Kunsilli Lokali kollha tal-pajjiż il-funzjoni li jinstallaw u jbiddlu l-*bus shelters* fil-lokalitajiet tagħhom, filwaqt li bir-Regolament numru 4 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja, ġie stabbilit li din id-delega ma teskludix ir-responsabbiltà simultanea tal-Awtorità intimata li tibdel u tinstalla *bus shelters* ġodda fit-toroq arterjali u distributorji, kif u fejn tinqala’ l-ħtieġa. Bis-saħħa ta’ ftehim iffirmat bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Awtorità intimata fis-16 ta’ Marzu, 2018, ġie stabbilit li f’dawk il-każijiet fejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali jew xi kunsill

[18] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[19] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

lokali jkunu jixtiequ jbiddlu jew jinstallaw *bus shelter* ġdid f'toroq arterjali jew distributorji, l-Awtorità intimata għandha tikkonsidra tali talbiet, u f'każ li tqis li t-talba hija ġustifikati, għandha tieħu dawk il-miżuri neċessarji biex tbiddel l-istess *bus shelter* jew biex tinstalla l-*bus shelter* ġdid skont il-każ. L-artikolu rilevanti tal-ftehim testwalment jaqra hekk:

> "*With regard to arterial and/or distributor roads, the Authority shall continue to execute its present function to replace and install new bus shelters situated on such roads as and when necessary and this through the services which shall be provided by the Successful Bidder chosen by the Authority following the issuance of the Request for Proposals referred to ...*
>
> *Provided that, whenever the Association or any Local Council which forms part of the Association informs the Authority of the need to replace or install new bus shelters on arterial and distributor roads for the benefit and comfort of their residents and the general public, the Authority shall be obliged to give due consideration to such requests and, should it deem such request to be justified, to take the necessary measures for the replacement of the bus shelter or the installation of a new bus shelter, as the case may be, and to inform the Association or the Local Council, as the case may be, of its decision.*"

Illi dan il-ftehim bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Awtorità intimata ntlaħaq f'kuntest fejn filwaqt li d-delega mogħtija lill-Kunsilli Lokali fir-rigward tal-installazzjoni u t-tibdil ta' *bus shelters* fil-lokalitajiet tagħhom toħroġ mir-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.79 kienet bla riżervi, ir-Regolament 4 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja jgħid li minkejja d-delega li saret lill-Kunsilli Lokali, madanakollu fir-rigward ta' toroq arterjali u distributorji mhix eskluża r-responsabbiltà konkorrenti tal-Awtorità intimata.

Il-Qorti m'għandhiex f'din it-tip ta' proċedura tidħol fil-mertu ta' kwistjoni li jidher li tinvolvi terzi sabiex tiġi risolta, jiġifieri dik jekk il-Kunsill Lokali tal-Furjana setax jikkontratta direttament lis-soċjetà rikorrenti sabiex tibdel *bus shelter* fi triq arterjali, mingħajr l-involviment tal-Awtorità intimata, iżda ser tillimita ruħha għal deċiżjoni dwar jekk jirriżultawx sodisfatti r-rekwiżiti maħsuba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni.

Illi jirriżulta mill-atti li minkejja li s-soċjetà rikorrenti ngħatat appalt mill-Kunsill Lokali tal-Furjana sabiex tagħmel ix-xogħol ta' tibdil ta' numru ta' *bus shelters* fil-lokalità, qabel ingħata dan l-appalt lis-soċjetà rikorrenti, il-Kunsill Lokali tal-Furjana, li huwa marbut ukoll bil-ftehim tas-16 ta' Marzu, 2018, naqas li jinforma lill-Awtorità intimata dwar il-ħtieġa li dan il-*bus shelter* jinbidel, u naqas milli jagħti l-opportunità lill-Awtorità intimata sabiex tara min-naħa tagħha jekk din taqbilx li hemm il-ħtieġa li dan il-*bus shelter* jinbidel. Għall-kuntrarju jidher li l-Awtorità intimata ġiet kompletament injorata, u l-Kunsill Lokali tal-Furjana kkontratta direttament mas-soċjetà rikorrenti li qiegħda tippretendi li ladarba ngħatat dan l-appalt, almenu għandha l-jedd *prima facie* li żżomm lill-Awtorità intimata milli tkompli bix-xogħol mibdi minnha.

Il-Qorti tqis li s-soċjetà rikorrenti, minn dak li jidher *ictu oculi* kienet ben konsapevoli tal-fatt li bejn il-Kunsill Lokali tal-Furjana, u l-Awtorità intimata kien hemm obbligi kontrattwali li kellhom jiġu onorati, u li l-Gvern ċentrali permezz tal-awtorità intimata, żamm fermi l-obbligi u r-responsabbilitajiet tiegħu fir-rigward ta' *bus shelters* installati f'toroq arterjali u distributorji, tant li minkejja d-delega lill-Kunsilli Lokali individwalment, il-ftehim imsemmi

jippuntwalizza li anki fejn il-Kunsilli Lokali jaraw li hemm il-ħtieġa li jiġi installat *bus shelter* ġdid, irid ikun hemm l-involviment tal-Awtorità intimata, li għandha tiġi mgħarrfa b'dan qabel jiġu installati *bus shelters* ġodda jew qabel jinbidlu dawk eżistenti. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li huwa nieqes għalkollox id-dritt *prima facie* li s-soċjetà rikorrenti tippretendi li għandha, li tkun hi li tagħmel it-tibdil tal-*bus shelter* fi triq arterjali bħalma hi Triq Nazzjonali, il-Furjana. Abbażi tal-provi li semgħet f'livell *prima facie*, il-Qorti tqis li minkejja l-appalt li ġie mogħti mill-Kunsill Lokali tal-Furjana lis-soċjetà rikorrenti, jinsorġu dubji però dwar kemm dan l-appalt huwa legalment validu ladarba dan il-kuntratt seta' ngħata bi ksur ta' ftehim li kellu jirregola l-obbligi legali bejn il-Kunsilli Lokali tal-Furjana u l-Awtorità intimata. Madanakollu għandu jingħad li dan ċertament mhuwiex il-forum kompetenti fejn għandu jiġi dibattut il-mertu. F'dan l-istadju jkun suffiċjenti li jiġi dikjarat li s-soċjetà rikorrenti m'għandhiex il-jedd *prima facie* li tippretendi li għandha. Minn ewl id-dinja l-att li s-soċjetà rikorrenti qed tittenta li żżomm bil-ħruġ tal-Mandat, dak li l-Awtorità intimata permezz tal-kuntrattur magħżul minnha tkompli bix-xogħol ta' tibdil ta' *bus shelter* Bombi 3 fi triq arterjali fil-Furjana, sejjer jaffettwa l-jeddijiet tas-soċjetà rikorrenti, li l-Qorti fehmet li din għandha obbligi kummerċjali ma' terzi li ċertament għandha kull interess li tonora. Madanakollu f'dan l-istadju u mingħajr mal-Qorti tikkommetti ruħha dwar min għandu raġun fil-mertu, jew dwar in-natura ta' azzjoni li tista' tiġi proposta fil-mertu, tqis illi mhumiex sodisfatti r-rekwiżiti maħsuba mil-liġi sabiex tintlaqa' t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Fi kwalunkwe każ is-soċjetà rikorrenti jibqgħalha d-dritt li in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha titlob id-danni lill-Kunsill Lokali tal-

Furjana u/jew lill-Awtorità intimata u għaldaqstant bl-ebda mod ma jista' jingħad li jekk ma jinħariġx il-mandat ta' inibizzjoni, is-soċjetà rikorrenti ser issofri xi preġudizzju irrimedjabbli.

<u>**Decide**</u>

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti in vista tal-fatt li ma jirriżultax li ġew sodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi sabiex jintlaqa' mandat ta' din ix-xorta. Għaldaqstant tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-23 ta' April, 2019 sa fejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrenti.**

Mogħti kameralment fil-21 ta' Mejju, 2019.